# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-1 ta' Marzu, 2017**

**Rikors Numru 855/2015 SM**

**Amir Mohamed Amin Abd El Aal**
**(Passaport tar-Renju Unit**
**Numru 031729026)**

**vs.**

**Eman Abd El Salam El Sayed**
**(ID 83946A)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat il-11 ta' Settembru, 2015, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi l-kontendenti kienu mizzewgin u isseparaw bonarjament;

1.2. Illi l-imsemmija separazzjoni kienet awtorizzata minn qorti Egizzjana;

1.3. Illi ma kienx jaf li l-minuri u ommu kienu qed jirrisjedu Malta sakemm l-intimata fethet proceduri f'Malta ghall-manteniment;

1.4. Illi l-kura, l-kustodja u l-manteniment kienu gia` gew regolati bis-sentenza li awtorizzat is-separazzjoni bonarja ta' bejn il-partijiet;

1.5. Illi qieghed jadixxi din il-qorti biex tawtorizza r-registrazzjoni tas-sentenza u l-kuntratt tal-qorti estera, senjatament dik t'Alessandrija l-Egittu, fl-ismijiet "***Amir Mohammed Amin Abd El Aal vs. Eman Abd Elsalam Al Sayed El Salam***" datata l-***10 ta' Frar, 2008***, (ara foll 4 u 7 flimkien mat-trudizzjoni tal-istess a foll 10 u 17);

1.6. Illi *ai termini* tal-artiklu 826 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta is-sentenzi moghtija minn qorti kompetenti ta' pajjiz barra minn Malta li jkunu ghaddew in gudikat jistghu jigu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta fuq rikors b'talba biex tigi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk s-sentenzi;

1.7. Illi ghalhekk, jitlob lil din il-qorti biex, prevja kwalunkwe provediment u/jew disposzizzjoni li din il-qorti joghgobha taghti:

1.7.1. Tirrikonoxxi d-decizjoni moghtija u l-kuntratt ta' separazzjoni relattiv li ghalih ghamlet referenza l-istess qorti t'Alessandrija l-Egittu;

1.7.2. Tiddikjara li l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti hi enforzabbli u esegwibbli kontra l-intimata;

1.7.3. Bl-ispejjez kontra l-intimata;

2. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta' Settembru, 2015, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 28);

3.0. Rat ir-risposta datata t-30 ta' Novembru, 2015, li permezz tieghu l-intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 41):

3.1. Illi t-talba tar-rikorrenti hi infondata *stante* li s-sentenza u l-kuntratt li qed jintalbu li jigu rezi esegwibbli f'Malta u moghtija mill-qorti Egizzjana jikkontjenu disposizzjnijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku u/jew ghall-ligi ta' Malta, u dan, *ai termini* tal-artiklu 827(1)(c) tal-istess Kap 12 fuq indikat;

3.2. Illi fl-imsemmija sentenza il-kura u kustodja tal-omm ghaddiet fuq in-nanna materna tal-minuri u dan, ghaliex l-omm kienet izzewget terza persuna fl-Egittu wara li dan inghata d-divorzju;

3.3. Illi tali ordni mhix kontemplata fil-ligi ta' Malta fejn it-telf tal-kura u l-kustodja f'Malta tigi ordnata minhabba ragunijiet gravissimi;

3.4. Illi ghalhekk is-sentenza li qed tintalab l-esekuzzjoni taghha hawn Malta qatt ma tista' tigi reza esegwibbli f'Malta ghaliex il-kunsiderazzjonijiet taghha jilledu d-drittijiet fundamentali tal-intimata kif protetti mill-artiklu 32(c) tal-Kostituzzjoni u mill-artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

3.5. Illi l-artikli indirizzati fil-paragrafu precedenti jipprotegu d-dritt fundamentali tal-hajja privata u tal-familja;

3.6. Illi ghalhekk it-tabliet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigu milqugha ghaliex l-esekuzzjoni tas-sentenza tmur kontra l-ligi ta' Malta;

3.7. Illi fil-ligi ta' Malta hi inkoncepibbli li omm titlef il-kura u l-kustodja ta' binha ghal ragunijiet frivoli, u dan, wara li hi dejjem ghamlet minn kollox fl-ahjar interess ta' binha, u semplicement hi zzewget ragel iehor, wara li fl-ewwel zwieg hi kienet imsawta; ssofri min tghajjir u abbuzi ohra; giet abbandunata ma binha; insterqilha l-passaport, u zewgha ma riedx jaf biha aktar;

3.8. Illi r-rikorrenti m’ghandu l-ebda interess guridiku li jesegwixxi d-decizjoni mehuda l-Egittu *stante* li m’ghandu l-ebda dritt x’jinforza minn dik is-sentenza;

3.9. Illi l-qorti Egizzjana iddecidiet il-kaz billi ikkunsidrat li omm l-intimat hi l-persuna li ghandha l-kura u kustodja tat-tifel – haga li l-intimata tikkontesta;

3.10. Illi ghalhekk, hi din in-nanna li tista` titlob li l-istess sentenza tigi reza esegwibbli f’Malta, u hadd aktar;

3.11. Illi tali esekuzzjoni tista’ biss tintalab minn min ghandu dritt naxxenti mill-istess sentenza – li r-rikorrenti m’ghandux:

3.12. Illi konsegwentment il-qorti odjerna mhix kompetenti tiddeciedi dwar it-talba in dizamina fejn il-procedura odjerna kellha tigi intavolata fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

3.13. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.14. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat it-30 ta’ Gunju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 60);

5. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-14 ta’ Lulju, 2016, (ara foll 61), flimkien ma dik tal-intimata datata l-1 ta’ Novembru, 2016, (ara foll 73);

6. Semghet lix-xhud prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluza n-nota datata z-17 ta’ Novembru, 2016;

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-procedura in dizamina tista' sintetikament tigi elenkata bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti qed jitlob li s-sentenza datata l-10 ta' Frar, 2008, fuq indikata tal-qorti t'Alessandria l-Egittu, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel u foll 4, 7, 10, 17, 54 u 57);

9.2. Illi tali talba qed issir lill-qorti odjerna a bazi tal-artiklu 826 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li tghid li:

> "...is-sentenzi moghtija minn qorti kompetenti ta' pajjiz barra minn Malta, u li jkunu saru gudikat, jistghu jigu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bhas-sentenzi moghtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tigi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi";

9.3. Illi fir-rigward tal-kontendenti odjerni jirrizulta sintetikament is-segwenti:

9.3.1. Illi kienu mizzewgin – izzewgu fis-16 t'Awwissu, 2006, (ara foll 50);

9.3.2. Illi miz-zwieg twieled binhom Zidan, (ara foll 50);

9.3.3. Illi z-zwieg ma kienx wiehed felici, (ara foll 50), u konsegwentement isseparaw bonarjament;

9.3.4. Illi r-rikorrenti bghat lill-intimata Alessandria, l-Egittu, u hemmhekk bghatilha s-sentenza tad-divorzju datata l-10 ta' Frar, 2008, (ara foll 50);

9.3.5. Illi skont l-istess sentenza Zidan kellu jirrisjedi ma' ommu f'Alessandria;

9.3.6. Illi illum il-fuq imsemmi minuri jinsab Malta flimkien mal-intimata;

9.3.7. Illi r-rikorrenti jsosstni li dan il-fatt minnu innifsu jmur kontra s-sentenza pronunzjata f'Alessandria;

9.3.8. Illi r-rikorrenti kien gie a konjizzjoni tal-fatt li ibnu minn dan iz-zwieg kien qed jirrisjedi f'Malta, meta l-intimata fethet proceduri ghall-manteniment fil-qrati Maltin;

9.3.9. Illi ghalhekk ir-rikorrenti introduca il-procedura odjerna biex tigi esegwita s-sentenza tal-qorti Egizzjana;

Ikkunsidrat:

10. Illi permezz tal-ewwel risposta taghha l-intimata ssosstni li s-sentenza tal-qorti Egizzjana tmur kontra l-ordni pubbliku Malti, u dan, *ai termini* tal-artiklu 827(1)(c) tal-Kap 12 fuq riferit;

11. Illi min-naha tieghu r-rikorrenti jsosstni li tali sentenza la tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta u lanqas kontra xi ligi lokali;

12. Illi l-artiklu 827 tal-Kap 12 fuq indikat jistabbilixxi c-cirkostanzi meta l-artiklu 826 tal-istess Kap "... ma ghandhomx isehhu...";

13. Illi fis-sentenza tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon nomine vs. Laferla Insurance Agency Limited et***, datata l-***25 t'Ottubru, 2013***, gie ritenut is-segwenti:

> "Dawn l-eccezzjonijiet kif kontemplati fl-artiklu 827 huma mhux biss ta' interpretazzjoni stretta, izda huma *'exhaustive'*, fis-sens li l-qorti ma tistax tirrifjuta l-esekuzzjoni ta' sentenza estera ghal xi raguni mhux kontemplata f'dan l-artiklu. Qorti Maltija mitluba tesegwixxi sentenza ta' pajjiz barra mill-Unjoni Ewropea, trid issegwi dawn ir-regoli stretti u limitatissimi. Il-funzjoni tal-Qorti Maltija hi li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza estera sakemm ma jigix ipprivat a sodisfazzjon taghha xi wahda jew aktar mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-artiklu 827 imsemmi. Mhix il-funzjoni tal-qorti lokali li terga tiftah il-meritu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-qorti la li tghaddi gudizzju fuq il-kompatibilita` tal-ligi estera mal-ordinament guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera

ma’ dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta’ pajjiz li ghandu ligijiet differenti minn ta’ Malta. Il-principju ta’ “*comity of nations”* ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-artiklu 827. Hu biss meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-ligi estera, tkun kuntrarju ghall-ordni pubbliku jew ghall-ligi pubblika interna ta’ Malta, li qorti lokali tista’ tirrifjuta li tesegwixxi dik is-sentenza estera”;

14. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Schoeller International Gmbh vs. Ellul et***, deciza fl-***10 ta’ Mejju, 2005***, l-istess ***Qorti tal-Appell*** osservat is-segwenti:

> “F’dan il-kuntest din il-qorti, pero`, thoss li ghandu jigi osservat li meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta’ sentenza ta’ qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost tal-artiklu 826 *et sequitur* tal-Kap 12, (ara ukoll ***Farrugia nomine vs. Peter Blond International Limited*** deciza minn din il-qorti fil-***31 t’Ottubru, 2008***”;

15. Illi *di piu`*, fl-istess sentenza kwotata fil-paragrafu precedenti, l-istess ***Qorti tal-Appell*** tkompli li dan:

> “Bl-ebda mod ma jfisser illi jekk ligi estera hija differenti minn dik Maltija, allura s-sentenza estera ma tigix enforzata ... Il-fatt li pajjiz esteru ghandu principji ta’ dritt differenti minn dawk lokali ma jtellfux mill-enforzar taghha, sakemm ma jolqtux is-sens ta’ gustizzja ta’ dak il-pajjiz”;

Ikkunsidrat:

16. Illi in vista tal-insenjament fuq espost ghandu jkun pacifiku li mhux il-kompitu ta’ din il-qorti li tanalizza l-kompatibilita` tal-ligi estera ma’ dik Maltija;

17. Illi jinghad ghalhekk, li minn ezami tal-istess sentenza estera ma tirrizultax li hi la kuntrarju ghall-ordni pubbliku lokali, u lanqas ghall-ligi;

18. Illi ma jirrizulta li hemm xejn fil-ligi Maltija li jikkontempla li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandu bilfors jghaddi ghand l-omm;

19. Illi konsegwentement din il-qorti ma tistax tirrifjuta li tesegwixxi din is-sentenza estera a bazi ta' din l-eccezzjoni hawn approfondita;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi rigward it-tieni risposta sollevata mill-intimata jinghad sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi permezz tas-sentenza estera in dizamina l-kura u l-kustodja tal-minuri in kwistjoni ghaddiet favur in-nanna materna tieghu wara li l-istess intimata ddivorzjat mill-ewwel ragel u regghet izzewget, (ara foll 51);

20.2. Illi l-intimata ssosstni li f'Malta t-telf tal-kura u kustodja tal-omm tigi ordnata minhabba haga gravissima;

20.3. Illi *di piu`*, ssosstni li s-sentenza in kwistjoni tilledi d-dritt fundamentali taghha sancit mill-artiklu 32(c) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;

20.4. Illi s-sentenza estera in dizamina stabbiliet li wara s-separazzjoni u divorzju bonarju tal-kontendenti, l-minuri in kwistjoni kellu jirrisjedi mall-omm – l-intimata odjerna;

20.5. Illi l-istess sentenza estera stabbiliet ukoll pero`, li fil-kaz li l-istess intimata terga tizzewweg, tali kura u kustodja kellha tghaddi ghand in-nanna materna;

20.6. Illi dawn ic-cirkostanzi hawn indirizzati ma jirrizultax li jilledu d-drittijiet fundamentali indirizzati mill-intimata;

20.7. Illi l-vertenza rigwardanti l-kura u kustodja tal-istess minuri giet hemm deciza skont il-ligijiet ta' dak il-pajjiz, u kif

jirrizulta mill-istess sentenza estera, il-qorti *de quo* tat ukoll importanza anke lill-kultura tal-istess pajjiz;

20.8. Illi kif kellu jkun, jirrizulta assodat ukoll li fid-decizjoni taghha il-qorti estera zammet l-interess suprem tal-minuri bhala l-bazi ghad-decizjoni taghha;

20.9. Illi ghalkemm dan imur lil hemm mill-limiti gurisdizzjonali ta’ din il-qorti, jinghad li ezami tal-istess ma jindikax li gew lezi d-drittijiet fundamentali kostituzzjonali u konvenzjonali tal-intimata;

Ikkunsidrat:

21. Illi in vista tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li l-procedura odjerna hi limitata ghall-fatt li l-gudikat esteru in dizamina jigi rikonoxxut u esegwit mill-qorti odjerna, u mhux, biex jigi deciz min ghandu jkollu l-kura u kustodja tal-minuri iben il-kontendenti;

22. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tal-intimata li hu inkoncepibbli li omm titlef tali kura u kustodja ta’ binha ghaliex regghet izzewget wara li kienet iddivorzjat mill-ewwel zwieg taghha hi allegazzjoni gratuwita minghajr fondament legali;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi rigward il-hames (5) risposta tal-intimata li permezz taghha ssosstni li r-rikorrenti m’ghandux interess guridiku biex jipproponi l-procedura odjerna, jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi l-intimata ssosstni ghalhekk li hi n-nanna materna – mhux il-missier rikorrenti – li nghatat il-kura u kustodja tal-minuri in kwistjoni;

23.2. Illi minkejja s-suespost jirrizulta palesi li fis-sentenza estera li r-rikorrenti qed jittenta jezegwixxi f’Malta, l-istess rikorrenti jirrizulta li kien ir-rikorrenti f’dik il-procedura, (ara foll 10, 17 u 54);

23.3. Illi jirrizulta *ex admissis* ukoll li r-rikorrenti hu l-missier naturali tal-minuri in dizamina;

23.4. Illi konsegwenza tal-istess din il-qorti tqis li allura r-rikorrenti ghandu interess guridiku biex jitlob li s-sentenza estera in dizamina tigi esegwita lokalment;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi fir-rigward tat-tmien (8) risposta sollevata mill-intimata, senjatament dik rigwardanti l-allegazzjoni taghha li din il-qorti mhix kompetenti tiddeciedi dwar it-talba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-qorti estera *stante* li l-qorti kompetenti hi dik tal-***Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja***) jinghad sintetikament is-segwenti:

24.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 826 tal-Kap 12 fuq indikat hi proprju din il-qorti odjerna, senjatament il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li hi statutorjament munita bil- kompetenza li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenzi esteri li jkunu ghaddew in gudikat;

24.2. Illi din il-qorti la giet mitluba u lanqas hu l-kompitu taghha, li tezamina l-mertu tal-kaz *stante* li dan gia` gie deciz fil-forum esteru fejn ir-rizultat tal-istess qed jigi mitlub li jkun esegwit f'Malta;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis mhux biss li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, izda li r-risposti kollha sollevati mill-intimata ma jreggux, u konsegwentement:

**DECIDE:**

25.1. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimata;

25.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

25.3. Tiddikjara li qed tirrikonoxxi d-decizjoni moghtija fl-ismijiet "***Amir Mohammed Amin Abd El Aal vs. Eman Abd Elsalam Al Sayed El Salam***" datata l-10 ta' Frar, 2008, flimkien mal-kuntratt ta' separazzjoni relattiv, mill-Qorti t' Alessandria, l-Egittu;

25.4. Tiddikjara li s-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti hi enforzabbli u esegwibbli f'Malta;

25.5. Bl-ispejjez kontra l-intimata.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**